MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 20/2003

**Etienne Bonello Dupuis u b'digriet tad-9 ta' Mejju 2005 in-Nutar Dr George Bonello Dupuis assuma l-atti minflok il-mandatarju tieghu**

**Vs**

1. **Manwel Cuschieri**
2. **Gino Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jkunu kundannati:

1. Prevja dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li l-parti tal-programm "Tajjeb Li Tkun Taf" imxandra minn Super One Radio fil-5 ta' Novembru 2002 traskritta f'Dok A, hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur billi tesponih ghad-disprezz tal-pubbliku;

2. ihallsu lill-attur fil-kwalita' taghhom ta' awtur u editur tax-xandira, dik is-somma li tiffissa fin il-Qorti bhala danni morali b'applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi Dwar Li Stampa (Kap.248).

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz (fol 2 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 5 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:

Fl-ewwel lok Etienne Bonello Dupuis ghandu jipprova l-mandat tieghu.

Illi l-eccipjent Manuel Cuschieri mhuwiex legittimu kontradittur f'din il-kawza billi mhuwiex persuna imsemmija fl-artikolu 23(a) tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' l-Istampa.

Illi f'kull kaz ix-xandira in kwistjoni mhijiex libelluza fil-konfront ta' l-attur.

Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, bix-xandira msemmija, l-eccipjenti kienu qeghdin jezercitaw il-liberta' taghhom ta' l-espressjoni u li jikkritikaw esponenti politici avversarji, kritika accettabbli f'socjeta' demokratika. Inoltre x-xandira hija wkoll fair comment ai termini tal-ligi ta' l-Istampa.

Salvi eccezzjonjiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> xehed (fol 17 et seq ibid) illi fil-5 ta' Novembru 2002, waqt il-programm radjofoniku bl-isem ta' "Tajjeb li tkun taf" presentat u kondott mill-konvenut Emanuel Cuschieri kien gie trasmess "<u>clip</u>" allegatament jikkontjeni dak li kien intqal mill-istess attur waqt attivita politika

publika. Dan il-kliem hu dak li jinsab riprodott fuq id-dokument market Dok A a fol 2 ibid fejn hemm:-
“George Bonello Dupuis”.

Imma l-entuzjazmu irridu nzommuh sal-hamsa ta’ Settembru imbaghad wara, imbaghad wara, nghamlu ….. umbaghad wara naharqu kollox”.

L-attur spjega illi meta kien ghamel id-diskors attwali hu kien qed jirreferi ghal “entuzjazmu” ossija “energia” u hawnhekk hu irrefera ghad-diskors tieghu originali u dak kif trasmess mill-konvenut , Emanuel Cuschieri it-tnejn esebiti f’kawza ohra fl-ismijiet “Etienne Bonello Dupius nomine vs Alfred Grixti” (avviz numru 778/01SM) deciza finalment mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Dicembru 2003, l-atti ta’ liema kawza inklusi dawn ir-registrazzjonijiet huma integralment annessi ma’ dawn l-atti.

Ikkunsidrat

Illi fis-sentenza moghtija u li ghaliha saret referenza hawn riportati kienu is-silta kif traspessa kienu dak li attwalment u realment kien intqal mill-attur cjoe:-

“Niehu gost bl-entuzjazmu li ghandhom u bl-entuzjazmu li nara. Il-vista tieghi mhux tajba u ma nistghax nara sat-tarf u hemm isfel ma nafx sa fejn jaslu imma l-entuzjazmu rridu nzommuh sal-5 ta’ Settembru u imbaghad wara imbaghad wara, imbaghad wara, nghamlu , imbaghad wara naharqu kollox li ghandna”.

L-istess xhud kompla jghid illi minn sema’ dak trasmess mill-konvenut, Emanuel Cuschieri kellu jasal ghall-konkluzzjoni “…li litteralment wara l-elezzjoni naharqu kollox”. Difatti hu kien irceva ittri anonimi ta’ theddid bhal dik esebita minnu a fol 21 u fol 22 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi ma hemm ebda dubbju illi l-“clip” kif trasmess, jindika, b’mod car, illi l-attur ried jincita lin-nies sabiex jikkomettu reat kriminali “bhala vjolenza u hsarat volontarji fi hwejjeg

ta' haddiehor". Mentri fil-fatt jidher evidenti illi l-attur, bl-ebda mod, ma kien qed jirreferi ghal dan izda ried jghid lill-istess nies sabiex, fil-mument u zmien proprju jaharqu l-entuzzjazmu taghhom u mhux qabel.

Illi minn dan jidher illi l-"clip" kif trasmess kien, biss parti tad-diskors tal-attur u difatti b'dik il-parti li thalliet barra u tista tghid giet censurata, tbiddel is-sinifikat kollu tal-istess diskors originali u attwali tal-attur.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, wara li gie stabbilit illi l-konvenuti, effettivament, ittrasmettew parti tad-diskors tal-attur ma jistax jinghad minnhom illi l-attur qal, bhala fatt, il-kliem kif trasmessi anzi jirrisulta illi hu kien ghamel diskors b'sinifikat totalment differenti u bl-"editing" li, kien sar, gie attribwiet lilu kliem ta' incitament lejn il-vjolenza.

Illi, dan premss, din il-Qorti ma' tistax tara kif tista' takkolji t-tielet (3) u r-raba' eccezzjonijet. Difatti jidher evidenti illi fil-konfront tal-attur sar, tentattiv li rnexxa sabiex hu jigi malafamat fuq bazi ta' "clip" b'parti sostanzjali tad-diskors li gie "edited", censurat, maqtugh u mholli barra. Dwar dan ta' min jiccita parti mis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell fil-kaz l-iehor hawn fuq imsemmi cjoe "… l-Qorti trid biss tafferma l-principju illi l-liberta' tal-istampa ma timplikax licenzja ghall-ingurja b'addebiti ta' fatti foloz, intizi biex jhammgu l-fama u l-integrita ta' haddiehor u pubblikati minghajr l-icken sforz ta' verifika", kaz tipiku ta' "mis-statement of facts, however bona fede" (ara pagna 11 tal-istess sentenza).

Illi, pero', f'dan il-kaz ma jistax ma jinghad illi kien hemm xi minimu ta' "bona fede". Difatti, il-"clip" gie trasmess akkumpanjat minn kliem bhal "… tal-misthija" Minn dan jidher illi f'dan il-kaz, filfatt, hemm involuta "malafede" u l-intenzjonalita li tithammeg ir-reputazzjoni tal-attur fuq bazi falza.

Ikkunsidrat

Illi in rigward it-tieni (2) eccezzjoni, il-konvenut, Emanuel Cuschieri, ghandu jkun konsiderat bhala l-awtur tat-trasmissjoni in kwistjoni u bhala l-persuna li kienet qed tippresenta u tikkonduci l-istess trasmissjoni u kienu hu stess li ittrasmetta l-istess “clip”.

Illi dwar il-konvenut l-iehor, hu sufficjenti li issir referenza ghad-dokument a fol 20 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-“quantum” ta’ danni li ghandhom jigu likwidati u li huma ta’ natura morali, il-ligi “in materia” halliethom fid-diskrizzjoni tal-Qorti bil-massimu ffissat fl-ammont ta’ Lm5000. Hawnhekk din il-Qorti kkunsidrat il-grad ta’ gravita ta’ dan il-kaz fejn fuq bazi falza, gie allegat li l-attur kien incita n-nies sabiex jikkomettu vjolenza, il-fatt li l-konvenuti ma’ gabu ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet sottomessi minnhom u li jkunu opportuni illi jkun hemm konformita bejn sentenzi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ it-talbiet attrici u :-

1. Tiddikjara li l-parti tal-programm “Tajjeb li tkun taf” imxandra minn Super One Radio fil-5 ta’ Novembru 2002 traskritta f’Dok A hija libelluza u malfamanti fil-konfront tal-attur billi esponietu ghad-disprezz tal-pubbliku;
2. Tillikwida l-ammont ta’ danni morali fis-somma ta’ Lm600 ossija €1397.62 kull wiehed skond l-artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta u;
3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attur is-somma ta’ Lm600 ossija €1397.62 kull wiehed.

L-ispejjes jithallsu mill-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------